**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha 14 ta' April, 2021**

Numru 2

**Rikors Nru. 110/2017/1**

**Filippa sive Phyllis Ebejer**

**vs**

**Emanuel Attard u Maria Teresa Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul mill-intimati Attard wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-20 ta' Jannar 2021 li revokat is-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tat-13 ta' Lulju 2020 fejn il-Bord cahad it-talba tas-sid biex tirriprendi l-pussess tal-fond;

Rat ir-risposta tar-ritrattata Ebejer li sostniet li ma kienx hemm raguni valida ghar-ritrattazzjoni u r-rikors ta' ritrattazzjoni kellu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li fuqha huma impernjati l-ilmenti tar-ritrattand li tghid hekk:

Din il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet maghmula mill-appellati fit-twegiba taghhom, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Bord fis-sentenza appellata.

Meta tispjega l-ewwel aggravju taghha, l-appellanta taghraf li sabiex tirnexxi t-talba taghha ghar-ripreza tal-fond ai termini tal-para. (b) tal-artikolu 9 tal-Kap. 69, hija kellha turi grad ragonevoli ta' bzonn. Tghid li l-kelma 'requires' kienet titlob bzonn u mhux semplici xewqa jew preferenza, izda ma kienx rikjest li wiehed juri necessità assoluta. L-appellanta tissottometti li kien jidher li l-Bord iffoka biss fuq il-fatt li hija ghandha post fejn tghix, filwaqt li warrab ic-cirkostanzi l-ohra tal-hajja taghha li tispjega fid-dettall u li fil-fehma taghha waslu sabiex hi lahqet il-grad ragonevoli ta' bzonn skont il-ligi. Ghal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tal-appellanta, filwaqt li taghmel riferiment ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'zewg sentenzi taghha [Gauci vs. Cachia, 12.02.1964, u Josephine Vassallo vs. Rachele Fenech, 18.05.2005], tissottometti li hija kienet tenuta turi li hija sofriet pregudizzju akbar minn dak li soffrew l-appellati. Sostniet li l-"hardship" li baghtiet matul hajjietha kien ferm akbar minn dak tal-appellati, li skont il-Bord kienu nies vulnerabbli stante li huma pensjonanti.

L-appellati qabel ma jwiegbu ghall-appell imressaq mill-appellanta, jissottomettu li din il-Qorti ghandha tisfilza jew tiskarta ghalkollox id-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell. Jikkontendu li dawn setghu facilment gew esebiti fl-ewwel istanza u filwaqt li jiccitaw il-gurisprudenza sabiex jissostanzjaw l-argument taghhom, jinsistu li dawn id-dokumenti ghandhom jigu sfilzati. Imbaghad l-appellati jressqu l-argument li din il-Qorti tista' biss twarrab l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Bord jekk tkun konvinta li l-Bord iddecieda erronejament fuq il-provi migjuba. Huma ghal darb'ohra jiccitaw il-gurisprudenza in sostenn tas-sottomissjoni taghhom. Dwar il-mertu, l-appellati jikkontendu li l-aggravji tal-appellanta mhux gustifikati u l-apprezzament tal-Bord ma kienx wiehed irragonevoli stante li kien imsejjes fuq il-provi migjuba u b'hekk ma nholqot l-ebda ingustizzja. Jissottomettu li jekk wiehed jaccetta dak li kienet qieghda tghid l-appellanta li l-Bord ha inkonsiderazzjoni biss il-fond residenzjali tal-appellanta, kellu jinghad li l-Bord ma kienx tbieghed mill-principju enuncjat fil-gurisprudenza li jonqos il-bzonn meta hemm fond iehor disponibbli adattat. Isostnu li ma setax jinghad li l-Bord ma tax ragunijiet kongruwi u ragonevoli tal-apprezzament tal-provi maghzulin minnu. Dan filwaqt li l-appellati jaghmlu riferiment ghall-gurisprudenza sabiex jissostanzjaw l-argument taghhom. Ghal dak li jirrigwarda t-talba talappellanta sabiex din il-Qorti tikkonsidra r-requisition order, jirrilevaw li l-ebda talba ma kienet saret f'dan is-sens fir-rikors promotur taghha. Barra minn hekk, dawn it-tribunali ma jistghux jissindakaw xi ordni li ntemmet bidderekwizizzjoni u wara kollox kien hemm ezistenti rapport ta' lokatur-konduttur.

Il-Bord filwaqt li gharaf li l-kirja inkwistjoni tinstab f'stadju ta' rilokazzjoni forzata bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69, jiccita l-artikolu 8 u l-para. (b) tal-artikolu 9 ta' dak l-Att, u ghall-interpretazzjoni korretta ta' dan tal-ahhar, huwa jghaddi wkoll sabiex jiccita parti sostanzjali mis-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet Mary Anne Muscat et vs. Emanuel Zammit et deciza fit-18 ta' Gunju, 2018. Fil-fehma tal-Bord l-appellanta ma kinitx irnexxielha turi l-bzonn li allegatament kellha sabiex tiehu lura l-pussess tal-fond ghaliex ma kienx jirrizulta li kien hemm xi hsieb jew

periklu li din tintemm fil-futur qrib jew determinat u ma werrietx li dan ma kienx adegwat ghall-bzonnijiet taghha u taz-zewgt uliedha, anki jekk bintha kienet tbati minn sitwazzjoni medika li ma kinitx wahda facli. Il-Bord sostna li anki jekk wiehed iqis li l-appellanta kienet issodisfat l-ewwel rekwizit ta' 'bzonn', it-talba taghha ma setghetx tirnexxi ghaliex ir-ripreza tal-fond kien iwassal ghal pregudizzju akbar ghall-appellati li huma persuni anzjani, vulnerabbli u li ma rrizultax li ghandhom akkomodazzjoni alternattiva jew mezzi ghaliha. Dan kollu filwaqt li rrimarka li l-azzjoni odjerna hija aktar il-frott tax-xewqa tal-appellanta li tiehu lura l-post li kien hallielha b'wirt missierha u li tehles mill-obbligu tal-hlas tal-kera nominali li kienet thallas, milli l-frott ta' bzonn ragonevoli u genwin.

Din il-Qorti tibda billi tindirizza l-ewwel kwistjoni li qed iqajmu l-appellati, jigifieri dik fejn qed jitolbu l-isfilz tad-dokumenti li gew esebiti mill-appellanta flimkien mar-rikors tal-appell taghha. Tqis illi ma jezistux ic-cirkostanzi eccezzjonali li trid il-ligi permezz tal-artikolu 150 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tkun tista' tippermetti l-produzzjoni ta' dokumenti godda f'dan l-istadju, u ghalhekk id-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell tal-appellanta m'ghandhomx jitqiesu bhala prova f'dawn il-proceduri.

Filwaqt li taghraf li bhala qorti ta' revizjoni hija m'ghandhiex b'mod legger tiddisturba l-apprezzament tal-provi kif maghmula minn qorti jew tribunal tal-ewwel istanza, din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ukoll mal-appellati li dan tista' taghmlu biss fejn jirrizulta li dik l-ewwel qorti ma setghetx tasal facilment ghad-decizjoni appellata fuq il-provi migjuba quddiemha. Huwa proprju ghalhekk li huwa mehtieg li din il-Qorti taghmel evalwazzjoni tal-provi fid-dawl tal-konkluzjoni tal-Bord, u b'hekk tassigura li l-ebda pregudizzju ma jkun inholoq fil-konfront ta' parti jew ohra.

Fil-mertu, tosserva li l-para. (b) tal-artikolu 9 jiddisponi kif gej:
"(b) jekk sid il-kera jkun irid il-fond (barra minn hanut) ghalih innifsu jew ghal axxendent jew dixxendent tieghu mid-demm jew bi zwieg, jew ghal huh jew ohtu, u (hlief kif xort'ohra jinghad f'dan il-paragrafu ta' dan l-artikolu) il-Bord ikun sodisfatt illi l-kerrej jista' jsib dar ohra fejn joqghod li tkun tghodd ghall-mezzi tieghu u tal-familja tieghu ghal dak li hu wisa' u ghal dik li hija sura, u li tkun qrib ghax-xoghol tieghu (jekk ikun jahdem): Izda l-fatt li l-kerrej jista' isib dar ohra fejn joqghod ma jgibx illi l-Bord ghandu jaghti l-permess ghall-ksib lura tal-pussess tal-fond taht dan il-paragrafu ta' dan l-artikolu, jekk il-Bord ikun sodisfatt, wara li jqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz flimkien mal-fatt li jkun hemm dar ohra tajba ghal sid il-kera jew ghall-kerrej, illi l-aggravju jkun akbar jekk il-permess ghall-ksib lura tal-pussess jigi michud milli kieku jigi moghti."

Il-Qorti tibda billi tirrileva li fil-kaz odjern ma jirrizultax mill-provi, u lanqas jirrizulta kontestat, li l-inkwilini m'ghandhom possibilità ta' akkomodazzjoni alternattiva. Izda hu pacifiku fil-gurisprudenza tal-qrati taghna, li fejn dan huwa l-kaz, il-vertenza ghandha tigi rizolta permezz ta' paragun tat-tbatija jew 'hardship' tas-sid fil-prezent u dik tal-inkwilin fl-eventwalità li tigi milqugha t-talba tal-istess sid. B'hekk jenhtieg li din il-Qorti tghaddi sabiex taghmel l-ezercizzju tal-paragun, izda qabelxejn ghandu jigi stabbilit jekk tassew l-appellanta hijiex fil-bzonn tal-fond.

Il-Qorti tista' tikkostata s-segwenti fatti mill-provi li ressqu l-partijiet quddiem il-Bord:

L-appellanta:

a. l-appellanta mhijiex mizzewga izda ghandha tifel Tyrone Cutajar ta' tlieta u ghoxrin sena u tifla Alicia Conti ta' sbatax-il sena;

b. ilhom ighixu ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena f'appartament fit-tieni sular fil-Fgura fejn il-lift ma jahdimx, liema appartament kien moghti lill-appellanta mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali fil-25 ta' Novembru, 2002 versu l-kera ta' Lm560 fis-sena [Ara Dok. MM5 a fol. 52], izda sussidjata b'mod li fis-sena 2017 hi kienet qieghda thallas €130 fis-sena [Ara Dok. XY1 a fol. 71];

c. it-tifla tal-appellanta tbati minn kondizzjoni fizika maghrufa bhala Left Congenital Hemiplegia, fejn nofs gisimha hu aktar dghajjef min-nofs liehor, sabiex b'hekk sal-lum kienet ghaddiet minn tliet interventi kirurgici, taghmel terapija kuljum id-dar u tattendi l-CDAU gewwa lisptar minhabba l-kura kontinwa li ghandha bzonn, b'dana li rizultat tal-kondizzjoni hi ma timxiex b'mod bilancjat u tghejja meta tuza t-tarag [Ara affidavit ibid. u rapport mediku guramentat a fol. 66];

d. it-tifel tal-appellanta jaqla' paga minima [Ara affidavit tieghu a fol. 69], filwaqt li l-appellanta ma tahdimx minhabba l-kondizzjoni tat-tifla u tircievi l-hlas ta' Ghajnuna Socjali (SUP) kull erba' gimghat ta' €487.36 [Ara Dok. A a fol. 75].

L-appellati:

a. l-appellata ilha tbati minn rewmattizmu fil-gogi sa minn meta kellha hdax-il sena u sahansitra tbati minn kondizzjoni f'qalbha maghrufa bhala Mitrial Valve Prolapse [Ara rapport mediku Dok. L a fol. 101]; u

b. it-tnejn huma ta' eta' avvanzata; u

c. jghixu wahedhom fil-fond [Ara xhieda seduta 07.01.20 a fol. 140].

Din il-Qorti mill-ewwel ghandha tghid u taccetta li l-Bord meta qies jekk l-appellanta rnexxilhiex tipprova l-bzonn minnha allegat sabiex tirriprendi l-pussess tal-fond, ta prepondoranza qawwija ghall-fatt li hija digà ghandha akkomodazzjoni ghaliha u ghaz-zewg uliedha. Il-Bord irrileva li l-provi tal-appellanta kienu kemxejn skarsi. Filwaqt li ha inkonsiderazzjoni l-kondizzjoni medika ta' bintha, esprima li din ma kinitx bizzejjed sabiex jasal ghall-konkluzjoni li l-fond fejn kienu jghixu ma kienx wiehed adegwat.

Izda, din il-Qorti tirrileva li c-cirkostanzi tas-sid m'ghandhomx biss jigu evalwati fid-dawl ta' jekk ir-residenza tieghu hijiex wahda adegwata o meno. Skont is-sentenza ta' din il-Qorti kif ampjament citata mill-Bord stess fl-ismijiet Mary Anne Muscat et vs. Emanuel Zammit et [App.Inf. 8/03AE, 18.06.18], l-azzjoni tal-appellanta ghandha tirnexxi, jekk fl-ewwel lok din tressaq prova tal-bzonn kif allegat minnha. Fil-kaz odjern, il-Qorti tghid li l-htiega impellenti tal-appellanta tirrizulta ampjament. L-appellanta ma tahdimx ghaliex ghandha bintha ta' sbatax-il sena tiddependi fuqha ghall-ghajnuna minhabba l-kondizzjoni fizika li twieldet biha. Jirrizulta li fil-fatt din bintha ghadha taht kura medika regolari, u sahansitra fil-passat digà ghaddiet minn tliet interventi kirurgici, jigifieri kollox juri li tirrikjedi l-ghajnuna u ghalhekk il-hin tal-appellanta. Ma jirrizultax li bintha ghandha xi dhul, forsi minn xi mpjieg bhal huha, u ghalhekk tiddependi wkoll finanzjarjament fuq l-appellanta. Lanqas jidher li hemm possibilità ta' xoghol fil-futur qrib.

L-appellati min-naha taghhom illum huma ta' età avvanzata, kif wara kollox sewwa jaghraf il-Bord, b'dana li dan il-fattur wahdu ma kellux iwassal ghall-konkluzjoni kif milhuqa minnu fis-sentenza appellata. Il-Qorti tosserva li l-appellata tbati mir-rewmattizmu fil-gogi u kondizzjoni medika fil-qalb. Filwaqt li tirrileva li mill-provi ma jirrizultax l-ebda kondizzjoni medika serja li zzomm lill-appellati milli jcedu l-fond favur is-sid l-appellanta, il-Qorti tirrileva wkoll li l-appellati naqsu milli juru x'inhu attwalment id-dhul komplessiv taghhom, u anki r-rizorsi kapitali kollha taghhom, in sostenn tal-argument li huma m'ghandhomx il-mezzi sabiex isibu post alternattiv. Fejn fir-riposta taghhom quddiem il-Bord issottomettew li huma ghandhom dhul ta' €800 fixxahar, huma ma jaghtu mkien spjegazzjoni tas-sors ta' dan id-dhul. Barra minn hekk, din il-Qorti ma tistax ma tosservax il-fatt li l-appellati ma ressqu l-ebda prova sabiex juru li m'hemmx alternattiva reali ta' akkomodazzjoni, anki dik socjali, ghad-dispozizzjoni taghhom.

Filwaqt li l-Qorti tqis li s-semplici fatt li l-appellanta hija s-sid tal-fond ma jaghtiha l-ebda jedd ghar-ripreza facli tieghu, ma tistax ma tikkonsidrax bhala fattur determinanti li hi wara kollox qieghda tghix f'akkomodazzjoni socjali u b'dan il-mod biss qieghda tassisti fil-provvista ta' akkomodazzjoni socjali lillappellati. Ghalhekk tirrileva li bil-kliem "...dar ohra tajba..." il-legizlatur ma setax ried ifisser ukoll sitwazzjoni fejn is-sid jghix f'akkomodazzjoni socjali. Ma hemm l-ebda logika fic-cirkostanzi fejn sid proprjetà jghix f'akkomodazzjoni socjali, filwaqt li l-proprjetà tieghu stess ittiehdet mill-awtorità kompetenti sabiex tipprovdi akkomodazzjoni socjali lil min wara kollox b'xi mod jew iehor kellu saqaf fuq rasu. F'kwalunkwe kaz, kif qalet din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza taghha fl-ismijiet Mary Anne Muscat et vs. Emanuel Zammit et [App. Inf. 8/03AE, 18.06.18], it-test Ingliz ma jzommx il-Qorti li tordna r-ripreza tal-fond fejn sid il-kera ghandu dar ohra tajba ghalih.

Il-Qorti hawn taghraf li r-ripreza tal-fond proprjetà tal-appellanta jista' sahansitra jwassal sabiex jghin kemm id-diffikultajiet fizici taghha u ta' bintha, u anki dawk finanzjarji. Il-Qorti tqis li permezz tar-ripreza tal-fond, l-appellanta certament titlef kull jedd li tibqa' tikri l-appartament fejn tghix illum, u peress li ma tirrizulta l-ebda prova li hija ghandha proprjetà ohra li tista' ssir ir-residenza taghha, il-fond ghandu jservi ta' residenza ghaliha u b'hekk itaffi wkoll il-problemi finanzjarji taghha. Sahansitra jaghti wkoll il-possibilità li jinbiegh vakanti mill-appellanta, skont il-prezz tas-suq, u r-rikavat tieghu jintuza ghax-xiri ta' residenza alternattiva skont il-bzonnijiet tal-appellanta.

Ghaldaqstant din il-Qorti ssib l-aggravji tal-appellanta gustifikati u tilqaghhom.

Decide
Ghar-ragunijiet premessi l-Qorti tiddeciedi dwar l-appell tal-appellanta billi tilqghu u thassar is-sentenza appellata fl-intier taghha, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-appellati u tilqa' t-talbiet tal-appellanta, filwaqt li taghti lill-appellati sitt xhur zmien mid-data ta' din is-sentenza sabiex jizgombraw mill-fond u jaghtu lura l-pussess vakanti tieghu lill-appellanta. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u lill-Kap Ezekuttiv tal-Awtorità tad-Djar.
L-ispejjez tal-proceduri taz-zewg istanzi ghandhom ikunu a karigu tal-appellati.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tar-ritrattand hu s-segwenti:

1. Li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta' Jannar 2021 hi l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew dokumenti tal-kawza ai termini tal-artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

Ir-ritrattandi jallegaw illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell hi l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew id-dokumenti skont artikolu 811(l) tal-Kap. 12. Fi kliem iehor dak li qed jallega r-ritrattand hu li jezisti zball ta' fatt fis-sentenza fejn is-suppozizzjoni ta' fatt li l-verita tieghu hi bla dubju eskluza jew suppozizzjoni li ma jezistix fatt li l-verita tieghu tkun stabbilita pozittivament.

Ma jistax pero r-ritrattand f'dawn il-proceduri ta' natura eccezzjonali jittanta jressaq appell mill-gdid fuq fatti u argumenti gia spjanati u decizi mill-Qorti tal-Appell. L-artikolu 811(l) mhux intiz ghal dan l-iskop kif del resto mhux intiz ghal dan l-iskop il-kawzali kollha ta' ritrattazzjoni fl-artikolu 811 tal-Kap. 12.

Kif tghid il-gurisprudenza, zball ta' fatt li jaghti lok ghar-ritrattazzjoni jrid jirrelata ghal punt li ma giex kontestat, diskuss u deciz mill-Qorti, u jrid ikun wiehed materjali, manifest u li jirrizulta mill-atti nfushom, ghaliex mhux permess li jitressqu provi biex jippruvaw tali zball. Minbarra dan, l-izball ma jridx ikun relattiv ghall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun gie jew seta' gie mifhum mill-gudikant li ta s-sentenza li qieghed jintalab it-thassir taghha ghaliex dan mhuwiex zball li johrog mill-atti imma fis-sewwa konvinciment insindakabbli tal-gudikant.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Rosa Fenech vs Jane sive Giovanna Cini et**, (App 15/07/2019):

> l-izball li jwassal ghat-thassir ta' sentenza u s-smigh mill-gdid tal-kawza irid ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, inghad li ma hemmx lok ghat-thassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, ghalkemm vizzjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi mod iehor imwiezna b'ragunijiet ohrajn indipendenti minn tali zball. Fuq kollox, ma tithalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt zbaljat ikun punt li gie ikkontestat u deciz fis-sentenza attakkata

Meta wiehed jara l-aggravju li fuqu hi mibnija din l-azzjoni r-ritrattandi isostnu li l-’izball’ ittiehed meta gie evalwat l-ilment tal-’hardship’ li fuqu giet sostanzjata s-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Ir-ritrattandi jsostnu illi l-Qorti tal-Appell zbaljat meta qieset li (i) ir-ritrattandi naqsu milli juru d-dhul komplessiv taghhom u rizorsi biex isibu post alternattiv ta’ akkomodazzjoni; (ii) ma hemmx spjegazzjoni tad-dhul; (iii) ma jaghtux prova li ma ghandhomx alternattiva reali ta’ akkomodazzjoni. Izidu li l-Qorti tal-Appell zbaljat meta ma qisitx li r-ritrattata gia kellha ’suitable alternative accomodation’ ghaliha u familtha u qalet bil-kontra. Maghdud ma’ dan ir-ritrattandi jqisu barra minn postu li l-Qorti tal-Appell tikkonsidra li r-ritrattati, darba li jirriprendu lura l-fond jistghu jbieghuh biex jixtru fond iehor skont il-bzonnijiet taghhom, kwistjoni li ma ntalbitx mir-ritrattata u tmur lil hinn minn dak li trid il-ligi f’kazijiet bhal dawn.

Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni u taqbel bis-shih illi d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell strahet fuq il-provi migjuba biex jigi determinat l-element tal-’hardship’ biex il-mizien ixaqleb lejn parti jew ohra. Din il-kwistjoni giet trattata principalment f’paragrafi 18 u 19 tas-sentenza ritrattata. Meta qieset il-fatti in sostenn tal-paragun tal-hardship da parti tar-ritrattandi l-Qorti tal-Appell ghamlet diversi osservazzjonijiet ta’ fatti cioe li jirrizultaw mill-provi cioe (i) li ma tirrizultax kondizzjoni medika serja tar-ritrattandi; (ii) li naqsu li juru d-dhul u l-kapital; (iii) li ma ipprovdewx provi tas-sors ta’ dhul ta’ €800 allegat minnhom; (iv) ma ressqux prova li ma ghandhomx alternattiva reali ta’ akkomodazzjoni.

Din il-Qorti tqis illi dawn il-konsiderazzjonijiet mhux kollha jsibu sostenn fattwali. Il-fatti pruvati juru illi r-ritrattandi jghixu biss bil-pensjoni ta’ €800 (ara affidavit tal-ritrattandi fol. 80 sa 82 tal-atti u risposta ghal kawza fol. 29) liema prova ma giet kontradetta fl-ebda stadju. L-istess inghad ghal kapital jew assi fejn ir-ritrattandi jiddikjaraw li l-fond mikri hu l-uniku fond detenut minnhom u li r-ritrattand Emanuel Attard kien labourer qabel spicca bil-pensjoni. Gew esebiti wkoll zewg kontijiet bankarji tal-konvenuti fl-ammont totali ta’ €5,650 (fol. 104 u 105 tal-atti). Hawn ukoll ma kien hemm ebda kontestazzjoni jew dubju dwar din il-prova mill-parti ’l ohra. In kwantu ghal nuqqas ta’ prova li ma jistghux jikru banda ohra, din il-Qorti tirreleva illi fl-istess affidavit ir-ritrattandi jiddikjaraw li ma ghandhomx flus biex jikru proprjeta ohra u dan apparti li r-ritrattandi

inghataw il-fond in kwistjoni bhala akkomodazzjoni socjali. Dawn huma l-provi li ma gewx kontradetti u l-provi tal-assi u dhul huma provi fihom infushom la darba ma gewx kontestati. Jidher ghalhekk li dawn il-fatti li l-Qorti tal-Appell qieset li ma hemmx prova dwarhom, fil-fatt qatt ma kienu kontestati u l-Qorti tal-Appell ma setghetx tinjorahom jew tiskartahom kif fil-fatt ghamlet.

Il-Qorti tqis li dawn il-konsiderazzjonijet ta' fatt li l-Qorti tal-Appell qieset mhux pruvati meta fil-fatt qatt ma gew kontestati kienu konsiderazzjonijiet sostanzjali li waslu lil Qorti tal-Appell ghad-decizjoni mehuda. Apparti konsiderazzjonijiet ohra fil-mertu tal-azzjoni nfisha din il-Qorti tqis illi l-fatti b'bixra skorretta li ntefghu fil-mizien tal-provi tar-ritrattandi bhala prova ta' 'hardship' wasslu lil Qorti tal-Appell biex tiehu direzzjoni li din il-Qorti ma tkunx serena li tqis li saret gustizzja sostanzjali mal partijiet fuq il-fatti ippruvati. Dan mhux kaz ta' apprezzament hazin ta' fatti jew piz li inghatat lil prova izda kaz fejn il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat nuqqas ta' prova meta fil-fatt il-prova kienet hemm, u tali provi kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni biex jigi deciz fattur essenzjali ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjoni. Ma jfissirx b'daqshekk illi din il-Qorti ser tasal ghal konkluzjoni differenti wara li terga tgharbel l-appell fil-mertu tieghu. Pero kif inghid fil-kawza **Leonard Muscat vs Onor Prim Ministru** (Kost 31/07/2000):

> l-istitut tar-ritrattazzjoni jipprovdi rimedju utilissimu ta' revizjoni ta' sentenzi finali, bl-iskop li jigu rettifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikati u b'hekk tigi evitata 'miscarriage of justice' u tinkiseb gustizzja sostanzjali ghall-partijiet

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti hija tal-fehma illi s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-20 ta' Jannar 2021 kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti, din il-Qorti thassarha kif irid l-artikolu 811(l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u tordna illi l-appell jinstema' mill-gdid. L-ispejjez ikunu regolati fis-sentenza finali.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur